

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/659**tas-27 ta' April 2016**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1)(e) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka l-persuni, l-entitajiet u l-korpi li, billi ntgħażlu mill-Kunsill, huma koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (2) Fil-31 ta' Marzu 2016, il-Kunsill iddeċieda li jżid entità waħda fil-lista tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li għalihom l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi għandu japplika u, li jħassar entità waħda minn dik il-lista. Il-Kunsill emenda wkoll l-entrati għal sitt persuni fil-lista. Għaldaqstant, l-Anness V għandu jiġi aġġornat.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effikaċi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ minnufiħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Il-Kap tas-Servizz tal-Instrumenti tal-Politika Barranija*

⁽¹⁾ ĠUL 88, 29.3.2007, p. 1.

ANNESS

L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-entrati li jikkonċernaw il-persuni segwenti elenkti fl-intestatura “C. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 6(2)(b)” huma sostitwiti kif ġej:

	Isem (u alternativi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjonijiet tar-Raġunijiet
“4.	KIM Il-Su	Data tat-tweli: 2.9.1965 Post tat-tweli: Pyongyang, RDPK	Maniġer fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-Kwartieri Ġenerali tal-KNIC fi Pyongyang u eks kap rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, li jaġixxi fisem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
5.	KANG Song-Sam	Data tat-tweli: 5.7.1972 Post tat-tweli: Pyongyang, RDPK	L-ex rappreżentant awtorizzat tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) f'Hamburg, ikompli jaġixxi fisem KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
6.	CHOE Chun-Sik	Data tat-tweli: 23.12.1963 Post tat-tweli: Pyongyang, RDPK Passaport Nru.745132109 Validu sat-12.2.2020	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-Kwartieri Ġenerali tal-KNIC fi Pyongyang li jaġixxi fisem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
7.	SIN Kyu-Nam	Data tat-tweli: 12.9.1972 Post tat-tweli: Pyongyang, RDPK Passaport Nru.PO472132950	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-Kwartieri Ġenerali tal-KNIC fi Pyongyang u eks rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, li jaġixxi fisem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
8.	PAK Chun-San	Data tat-tweli: 18.12.1953 Post tat-tweli: Pyongyang, RDPK Passaport Nru.PS472220097	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-Kwartieri Ġenerali tal-KNIC fi Pyongyang sa mill-inqas Diċembru 2015 u eks kap rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, li jaġixxi fisem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
9.	SO Tong Myong	Data tat-tweli: 10.9.1956	Ex-President tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC), li jaġixxi fisem KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.”

- (2) L-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura “D. Persuni ġuridiċi, entitatjet u korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)(b)”:

	Isem (u alternativi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
“7.	Il-Korea National Insurance Corporation (KNIC) u l-fergħat tagħha (magħrufa wkoll bħala l-Korea Foreign Insurance Company)	Haebangsan-dong, Central District, Pyongyang, DPRK Rahlstedter Strasse 83 a, 22149 Hamburg. Korea National Insurance Corporation of Alloway, Kidbrooke Park Road, Blackheath, London SE3 0LW	Korea National Insurance Corporation (KNIC), hi kumpanija proprjetà tal-Istat u kkontrollata mill-Istat, qed tiġġenera dħul ta' kambju barrani sostanzjali li jista' jikkontribwixxi għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva tar-RDPK. Barra minn hekk, il-kwartieri ġenerali ta' KNIC fi Pyongyang huma marbuta mal-Uffiċċju 39 tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa entità nominata.”

(3) L-entrata segwenti titħassar fl-intestatura “D. Persuni ġuridiċi, entitatjet u korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)(b)”:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
“7.	Korea National Insurance Company (KNIC) GmbH (magħrufa wkoll bħala Korea Foreign Insurance Company)	Rahlstedter Strasse 83 a, 22149 Hamburg	<p>KNIC GmbH, bħala sussidjarja kkontrollata mill-kwartieri ġeneralji tal-KNIC fi Pyongyang (indirizz: Haebangsan-dong, Central District, Pyongyang, RDPK), li hi entità tal-gvern, qed tiġġennera dħul sostanzjali f'munita barranija li jintuża biex jiġi appoġġat ir-reġim fil-Korea ta' Fuq Dawn ir-riżorsi jistgħu jikkontribwixxu għal programmi tar-RDPK relatati man-nuklear, relatati mal-missili ballistiċi jew relatati ma' armi oħra tal-qerda massiva.</p> <p>Barra minn hekk, il-kwartieri ġeneralji tal-KNIC fi Pyongyang huma marbuta mal-Uffiċċju 39 tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa entità nominata.”</p>